

32007D0116

L 49/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.2.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-15 ta' Frar 2007****dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdw b''116' għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 249)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2007/116/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għal networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva Kwadru)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Ikun tajjeb li ċ-ċittadini tal-Istati Membri, inklużi l-vjaġġaturi u l-utenti b'diżabbiltà, ikunu jistgħu jilhqqu ċerti servizzi li għandhom valur soċjali billi fl-Istati Membri kollha jużaw l-istess numri li jintgħarfu. Fil-preżent, fl-Istati Membri hemm għadd ta' skemi diverġenti ta' numri u ta' kif tikkomponi n-numri tat-telefown, u l-ebda skema komuni tan-numri mhija qed titħaddem biex tiriserva l-istess numri tat-telefown għal dawn is-servizzi fil-Komunità. Għaldaqstant jeħtieġ li jkun hemm azzjoni Komunitarja għal dak il-għan.
- (2) L-armonizzazzjoni tar-riżorsi tan-numri tat-telefown hija meħtieġa biex l-utenti aħħarin ikun jistgħu jaċċessaw dawn is-servizzi, mogħtija fi Stati Membri differenti, bl-użu tal-istess numru. Il-kombinazzjoni "l-istess numru – l-istess servizz" sejra tiżgura li servizz speċifiku, jingħata f'liema Stat Membru jingħata, dejjem ikun assoċjat ma' numru speċifiku fil-Komunità. Lis-servizz dan sejjer jagħtih identità pan-Ewropea, għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej, li se jkun jafu li jekk jikkomponu l-istess numru tat-telefown ikollhom aċċess għall-istess tip ta' servizz fl-Istati Membri differenti. Din il-miżura sejra tinkoraġġixxi l-iżvilupp tas-servizzi pan-Ewropej.

¹ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

- (3) Biex jirriflettu l-funzzjoni soċjali tan-numri kkonċernati, in-numri armonizzati għandhom ikun numri tat-telefown bla ħlas, mingħajr ma dan ifisser li l-operaturi jkunu obbligati joperaw telefonati għan-numri 116 bi spiża tagħhom. In-natura bla ħlas tan-numri tat-telefown għaldaqstant hija parti essenzjali mill-armonizzazzjoni li qed titwettag.
- (4) Jeħtieġ li jsiru kundizzjonijiet, marbuta mill-qrib mal-kontroll tan-natura tas-servizz li jingħata, biex jiżguraw li n-numri armonizzati jintużaw għall-provvista tat-tip partikolari ta' servizz kopert bid-Deċiżjoni.
- (5) Jista' jkun neċessarju li kundizzjonijiet speċifiċi jkunu stipulati dwar id-dritt tal-użu għal numru armonizzat speċifiku, pereżempju li s-servizz assoċjat għandu jingħata 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.
- (6) Skont id-Direttiva Kwadru, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma responsabbli għall-ġestjoni tal-pjanijiet nazzjonali dwar in-numri tat-telefown kif ukoll għall-kontroll tal-allokazzjoni ta' riżorsi nazzjonali tan-numri tat-telefown għal impriżi speċifiċi. Skont l-Artikolu 6 u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ("Direttiva ta' Awtorizzazzjoni")², l-użu ta' numri jista' jkun assoċjat ma' kundizzjonijiet u jistgħu jkunu applikati penalitajiet jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jitħarsux.
- (7) Il-lista ta' numri speċifiċi fil-firxa ta' numri li jibdw b''116' għandha tkun aġġornata regolarment skont il-proċedura fl-Artikolu 22(3) tad-Direttiva Kwadru. L-Istati Membri jippubblikaw l-eżistenza ta' numri ta' dan it-tip b'mod li jkun aċċessibbli għall-partijiet intressati kollha, pereżempju permezz tas-siti tal-internet tagħhom.
- (8) Il-Kummissjoni sejra tikkunsidra rieżami jew aktar adattament ta' din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-esperjenza miksuba, abbażi tar-rapporti pprovduti lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar jekk servizz speċifiku li għalih ikun ġie rriservat numru jkun żviluppa fuq bażi pan-Ewropea.
- (9) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Komunikazzjoni,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Il-firxa ta' numri li jibdw b''116' għandhom ikunu rriservati fil-pjanijiet nazzjonali tan-numri tat-telefown għal numri armonizzati għal servizzi armonizzati ta' valur soċjali.

In-numri speċifiċi fi ħdan din il-firxa ta' numri u s-servizzi li għalihom in-numri huma rriservati huma elenkati fl-Anness.

² ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.

*Artikolu 2***Servizz armonizzat ta' valur soċjali**

“Servizz armonizzat ta' valur soċjali” huwa servizz li jikkorrispondi għal deskrezzjoni komuni u li l-individwi għandhom aċċess għalih permezz ta' numru tat-telefown bla ħlas, li għandu valur potenzjali għal ċittadini ta' pajjiżi oħra li jkunu qed iżuru l-pajjiż u li jaqdi hteġa soċjali speċifika, b'mod partikolari servizz li jikkontribwixxi għall-benessri jew is-sikurezza taċ-ċittadini, jew ta' gruppi partikolari ta' ċittadini, jew li jgħin liċ-ċittadini li jsibu rwieħhom f'diffikultà.

*Artikolu 3***Ir-riservar ta' numri speċifiċi fil-firxa ta' numri '116'**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- a) in-numri elenkati fl-Anness jintużaw biss għal servizzi li għalihom ikunu ġew irriservati;
- b) ma jintużawx n-numri fi ħdan il-firxa ta' numri '116' li mhumix elenkati fl-Anness;
- c) in-numru 116112la jkun allokat u lanqas jintuża għal kwalunkwe servizz.

*Artikolu 4***Kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mad-dritt għall-użu tan-numri armonizzati**

L-Istati Membri għandhom jassoċjaw dawn il-kundizzjonijiet mad-dritt għall-użu ta' numri armonizzati għall-provvista ta' servizzi arminzzati ta' valur soċjali:

- a) Il-fornituri tas-servizz jipprovdi liċ-ċittadini informazzjoni, jew assistenza, jew għodda ta' rappurtar, jew xi kombinazzjoni ta' dawn;
- b) Is-servizz ikun miftuħ għaċ-ċittadini kollha bla ebda rekwiżit ta' reġistrazzjoni minn qabel;
- c) Is-servizz ma jkunx limitat biż-żmien;
- d) Ma jkun hemm l-ebda ħlas, jew impenn ta' ħlas, bħala prerekwiżit għall-użu tas-servizz;
- e) L-attivitajiet li ġejjin huma esklużi waqt telefonata: reklamar, divertiment, kumerċjalizzazzjoni u bejgħ, l-użu tat-telefonata għall-bejgħ ta' servizzi kummerċjali fil-futur.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kundizzjonijiet speċifiċi għad-dritt għall-użu ta' numri armonizzati kif stipulati fl-Anness.

*Artikolu 5***Allokazzjoni ta' numri armonizzati**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li minn [data tal-adozzjoni + 6 xhur] l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tkun tista' talloka n-numri msemmija fl-Anness.
2. It-tniżżil fil-lista ta' numru speċifiku u s-servizz armonizzat ta' valur soċjali assoċjat miegħu lill-Istati Membri ma jobbligahomx jiżguraw li s-servizz in kwistjoni jingħata fit-territorju tagħhom.
3. Ġaladarba numru jkun ġie elenkat fl-Anness, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw fil-livell nazzjonali t-tagħrif li numru speċifiku huwa disponibbli għall-provvista tas-servizz armonizzat assoċjat ta' valur soċjali, u li jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-użu ta' dan in-numru speċifiku.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinżamm reġistru tan-numri armonizzati kollha, flimkien mas-servizzi armonizzati ta' valur soċjali assoċjati magħhom, li jkunu disponibbli fit-territorju tagħhom. Ill-pubbliku għandu jkollu aċċess faċli għar-reġistru.

*Artikolu 6***Monitoraġġ**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull tant żmien lill-Kummissjoni dwar l-użu effettiv tan-numri elenkati fl-Anness għall-provvista tas-servizzi assoċjati fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 7***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Frar 2007

Għall-Kummissjoni
Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX**Lista ta' numri riservati għal servizzi armonizzati ta' valur soċjali**

<i>Numru</i>	<i>Is-servizz li għalih in-numru huwa rriservat</i>	<i>Kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mad-dritt ta' użu ta' dan in-numru</i>
116000	Numri ta' emerġenza għat-tfal neqsin	